

ANNESS I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates u ġħall-klieb ≤ 2.5 kg
Chanhold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 2.6–5.0 kg
Chanhold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates 2.6–7.5 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-qtates 7.6–10.0 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 5.1–10.0 kg
Chanhold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 10.1–20.0 kg
Chanhold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 20.1–40.0 kg
Chanhold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali ġħall-klieb 40.1–60.0 kg

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża waħda (pipetta) tagħti:

Sustanza(i) Attiva(i):

| | | |
|---------------------------------------|--------------------|-------------------|
| Chanhold 15 mg ġħall-klieb u l-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 15 mg |
| Chanhold 30 mg ġħall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 30 mg |
| Chanhold 45 mg ġħall-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 45 mg |
| Chanhold 60 mg ġħall-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 60 mg |
| Chanhold 60 mg ġħall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 60 mg |
| Chanhold 120 mg ġħall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 120 mg |
| Chanhold 240 mg ġħall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 240 mg |
| Chanhold 360 mg ġħall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 360 mg |

Ingredjenti Oħra:

Butylated hydroxytoluene (E321) 0.08%

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għal użu topikali.

Soluzzjoni ċara bla kulur sa safranija

4 TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb u qtates

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Qtates u klieb:

- Kura u prevenzjoni minn infestazzjonijiet tal-briegħed** ikkawżat mill-ispeċi *Ctenocephalides* sa xahar wara li tingħata doża waħda. Dan jiġi billi l-prodott joqtol kemm il-bergħud kif ukoll il-larva u l-bajd tiegħu. Il-prodott joqtol il-bajd sa tliet ġimħat wara li jingħata. Bi tnaqqis fil-popolazzjoni tal-briegħed, trattament kull xahar ta' annimali tqal u li qed irreddgħu jgħin ukoll biex iħares il-btan sa seba' ġimħat minn infestazzjonijiet tal-briegħed. Il-prodott jista' jintuża bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija ġħall-briegħed u billi joqtol il-bajd u l-larva jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

- Prevenzjoni mill-marda tal-*heartworm* ikkawżata mid-*Dirofilaria immitis* b'amministrazzjoni kull xahar. Il-prodott jista' jintuża bla periklu fuq animali infettati bil-forma adulta tal-*heartworm*, imma prattika tajba veterinarja titlob li l-animali kollha ta' 'l fuq minn sitt xhur u li jgħixu f'pajjiżi fejn jeżistu parassiti li jġorru l-marda, għandhom jiġu t-testjati għal infezzjoni bil-forma adulta tal-*heartworm* qabel ma' tinbeda l-kura bil-prodott. Dan il-prodott ma jaħdimx kontra l-forma adulta tad-*D. immitis*.
- Kura għad-dud tal-widnejn (*Otodectes cynotis*).

Qtates:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jidgħem (*Felicola subrostratus*)
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex it-tondi (*Toxocara cati*)
- Kura għall-forma adulta tal-*hookworm* fl-imsaren (*Ancylostoma tubaeforme*).

Klieb:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jidgħem (*Trichodectes canis*).
- Kura għal *sarcoptic mange* (ikkawżata minn *Sarcoptes scabiei*).
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex tondi (*Toxocara canis*) fl-imsaren.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax fuq animali ta' taħt is-sitt ġimgħat.

Tużax fuq qtates li qed ibatu minn xi mard ieħor fl-istess żmien jew li jkunu debboli u ta' piż baxx (għad-daqs u l-età tagħhom).

Tużax f'każijiet ta' sensitività għall-ingredjent/i attiv/i; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

4.4 Twissijiet speċjali <ghal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott>

Animali jistgħu jinħaslu sagħtejn wara l-kura mingħajr ma jkun hemm nuqqas fl-effikaċċja Tapplikax meta l-pil tal-animal ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xampu jew tgħaddas l-animal sagħtejn jew aktar wara l-kura, ma jnaqqas l-effikaċċja.

Għall-kura tad-dud tal-widnejn, tapplikax direttament fil-kanal tal-widnejn.

Huwa importanti li tingħata d-doża kif indikat biex jitnaqqas l-ammont li l-animal jista' jilgħaq. Jekk l-animal jilgħaq fit-tul, f'każi rari jista' jkun hemm produzzjoni għolja ta' bżżeq fil-qtates, għal perjodu qasir.

4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali

Dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi applikat biss fuq il-wiċċ tal-ġilda. Tagħix mill-ħalq jew permezz ta' injezzjoni.

Żomm animali kkurati 'l bogħod minn nirien u affarrijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar għal mill-anqas tletin minuta jew sakemm il-pil ikun niexef.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali

Dan il-prodott jieħu n-nar malajr - Żomm 'l bogħod mis-ħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarrijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar.

Il-prodott huwa irritanti għall-ġilda u l-għajnejn. Tpejjipx, tikolx u tixrobx waqt li qed tmiss il-prodott.

Aħsel idejk wara li tuża u aħsel fil-pront bis-sapun u bl-ilma jekk xi fit il-prodott imiss mal-ġilda. F'każ aċċidental li fiha jintlaqtu l-għajnejn, laħlaħ fil-pront b'ilma nadif u fittex kura medika fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Evita kuntatt dirett ma' annimali kkurati sakemm tinxf ir-roqħha fejn ġie applikat. Fil-jum trattament it-tfal m'għandhomx imissu l-annimali ttrattati u l-annimali m'għandhomx jitħallew jorqu mas-sidien tagħhom speċjalment it-tfal. Pipetti użati għandhom jintremew fil-pront u ma jitħallewx fejn jistgħu jidhru jew jintlaħqu mit-tfal.

Persuni b'ġilda sensittiva jew b'allerġija magħrufa għall-prodotti mediċinali veterinarji ta' dan it-tip għandhom joqgħodu attenti meta jmissu l-prodott mediċinali veterinarju.

Prekawzjonijiet oħra

Tħallix annimali kkurati jidħlu f'ilma ġieri tal-anqas sa sagħtejnej minn meta tingħata l-kura.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

L-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fuq il-qtates ġieli kkaġuna, f'każi rari, telf żgħir u li jgħaddi ta' pil fuq il-parti fejn ikun ġie applikat. F'każi rari ħafna jista' jkun hemm irritazzjoni li tgħaddi fuq il-parti fejn ikun ġie applikat. In-nuqqas ta' pil u irritazzjoni normalment jgħaddu waħedhom, imma f'xi każi tista' tingħata xi kura biex ittaff s-sintomi.

Jekk l-annimal jilgħaq fit-tul, f'każi rari jista' jkun hemm produzzjoni għolja ta' bżieg fil-qtates, għal perjodu qasir.

F'każi rari fil-qtates u l-klieb, l-applikazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju tista' twassal biex il-pil fil-post fejn ġie applikat jitgħaqquad temporanjament u/jew f'xi każi titfaċċa kwantità żgħira ta' trab abjad. Din hija ħaġa normali u titlaq fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi applikat u ma taffettwax il-ħarsien tas-sahħha jew l-effikaċċa tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kif jiġri ma' macrocyclic lactones oħra jnaj, f'każijiet rari ħafna, wara li jintuża l-prodott ġew osservati sinjal newroloġiċi, inklużi aċċessjonijiet, li huma riversibbli.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien

Il-prodott jista' jintuża waqt it-tnissil, tqala jew fi żmien il-ħalib fil-qtates u fil-klieb.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Xejn magħruf.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Għal użu topikali.

Il-prodott għandu jingħata f'applikazzjoni ta' doża waħda li tagħti mill-anqas 6 mg/kg selamektin. Meta jkunu qed jiġu kkurati bil-prodott mediċinali veterinarju aktar minn infestazzjoni jew infejjżjoni waħda fl-istess annimal, applikazzjoni waħda biss ta' 6 mg/kg hija rakkomandata f'ħin wieħed. It-tul xieraq tal-perjodu ta' kura għal kull parassita jidher hawn taħt.

Agħti skond kif indikat fit-tabella li tmiss:

| Qtates (kg) | Il-prodott | mg ta' selamektin mogħtija | Qawwa (mg/ml) | daqs nominali tal-pipetta, ml |
|-------------|---|----------------------------|---------------|-------------------------------|
| ≤ 2,5 | 1 pipetta ta' Chanhold 15 mg għal qtates u klieb ≤ 2.5 kg | 15 | 60 | 0,25 |
| 2,6 - 7,5 | 1 pipetta ta' Chanhold 45 mg għal qtates 2.6-7.5 kg | 45 | 60 | 0,75 |
| 7,6 - 10,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 60 mg għal qtates 7.6-10.0 kg | 60 | 60 | 1,0 |
| > 10 | | Taħlita xierqa ta' pipetti | 60 | Taħlita xierqa ta' pipetti |

| Klieb (kg) | Il-prodott | mg ta' selamektin mogħtija | Qawwa (mg/ml) | daqs nominali tal-pipetta, ml |
|-------------|---|----------------------------|---------------|-------------------------------|
| ≤ 2,5 | 1 pipetta ta' Chanhold 15 mg għal qtates u klieb ≤ 2.5 kg | 15 | 60 | 0,25 |
| 2,6 - 5,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 30 mg għal klieb 2.6-5.0 kg | 30 | 120 | 0,25 |
| 5,1 - 10,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 60 mg għal klieb 5.1-10.0 kg | 60 | 120 | 0,5 |
| 10,1 - 20,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 120 mg għal klieb 10.1-20.0 kg | 120 | 120 | 1,0 |
| 20,1 - 40,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 240 mg għal klieb 20.1-40.0 kg | 240 | 120 | 2,0 |
| 40,1 - 60,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 360 mg għal klieb 4.1-60.0 kg | 360 | 120 | 3,0 |
| > 60 | | Taħlita xierqa ta' pipetti | 60/120 | Taħlita xierqa ta' pipetti |

Kura u prevenzjoni mill-briegħed (qtates u klieb)

Wara li jiġi applikat il-prodott mediċinali veterinarju, il-briegħad adulti fuq l-annimal jinqatlu u ma jkunx hemm aktar bajd vijabbi u l-larva (li jinsabu biss fl-ambjent) jinqatlu wkoll. B'hekk il-bergħud ma jirriproduċix, jinkiser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud u dan jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Għal prevenzjoni minn infestazzjonijiet tal-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata kull xahar waqt l-istaġun tal-briegħed u xahar qabel ma l-briegħed isiru attivi. Billi l-popolazzjoni ta' briegħed titnaqqas, il-kura ta' kull xahar f'annimali tqal jew li qed ireddgħu, tħgin biex tħares il-boton minn infestazzjonijiet tal-briegħed sa l-etià ta' seba' ġimġħat.

Għal użu bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi applikat kull xahar.

Prevenzjoni mill-mard tal-heartworm (qtates u klieb)

Il-prodott mediċinali veterinarju jista' jingħata s-sena kollha jew tal-anqas fi żmien xahar minn meta l-annimal ġie espost għan-nemus għall-ewwel darba, u kull xahar wara sakemm jagħlaq l-istaġun tan-nemus. L-aħħar doża għandha tingħata sa xahar wara li l-annimal l-aħħar ġie espost għan-nemus. Jekk tinqabeż xi doża jew l-intervall bejn doża u oħra ikun ta' aktar minn xahar, għandha tingħata doża immedjata u terġa' tibda tingħata mill-ġdid, doża fix-xahar u b'hekk titnaqqas l-opportunità biex jiżviluppaw *heartworms* adulti. Meta jkun qed jiġi mibdul prodott mediċinali veterinarju għall-

prevenzjoni tal-heartworm fi programm ta' prevenzjoni mill-mard tal-*heartworm*, l-ewwel doża tal-prodott mediċinali veterinarju għandha tingħata fi żmien xahar mill-aħħar doża tal-mediċina ta' qabel.

Kura għal infezzjonijiet tal-ħniex tondi (qtates u klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għall-qamel li jīgħid (qtates u klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għad-dud tal-widnejn (qtates)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott.

Kura għad-dud tal-widnejn (klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju għal xahrejn fuq xulxin. Frak mhux imwaħħal għandu jitneħħha bil-mod mill-kanal ta' barra tal-widna waqt it-trattament.

Kura għal infezzjonijiet tal-hookworm (qtates)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għal sarcoptic mange (klieb)

Bixx jitneħħha d-dud kollu, għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju għal xahrejn fuq xulxin.

Metodu ta' amministrazzjoni

Neħħi l-pipetta tal-prodott mill-pakkett protettiv.

Żomm il-pipetta wieqfa.



Tektek il-parti dejqa tal-pipetta biex tiżgura li l-kontenuti jibqgħu fil-parti prinċipali tal-pipetta. Ikser l-ponta lura.

Aqsam il-kisja ta' l-animal fuq wara tal-animal fil-qiegħ tal-għonq quddiem ix-xafar tal-ispalla sakemm il-ġilda tkun viżibbli.

Poġġi t-tarf tal-pipetta fuq il-ġilda u aghħas il-pipetta diversi drabi biex tbattal il-kontenut tagħha kompletament u direttament fuq il-ġilda f'post wieħed.

Applika fuq il-ġilda fil-bażi tal-għonq quddiem l-għadam tal-ispacej.

Evita li tmiss il-prodott b'subgħajk.



4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

Ma ġewx osservati effetti mhux mixtieqa wara l-għoti ta' 10 darbiet id-doża rakkomandata. Il-prodott mediċinali veterinarju ngħata f'doża tliet darbiet aktar minn dik rakkomandata fi qtates u klieb li kellhom *heartworms* adulti u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ngħata wkoll f'doża tliet darbiet aktar minn dik rakkomandata fi qtates u klieb irġiel u nisa waqt it-tnissil kif ukoll f'nisa tqal u waqt li qed ireddgħu l-btan tagħhom, u f'doża ħames darbiet aktar minn dik irrakkomandata fi klieb tar-razza Collie sensittivi għall-ivermektin u ma dehrux effetti mhux mixtieqa.

4.11 Perjodu ta' tiżemm

Mhux applikabbli.

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapeutiku: prodotti kontra l-parassiti, insettiċidi u repellenti, macrocyclic lactones.
Kodiċi ATC veterinarja: QP54AA05

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Selamektin hija sustanza semi-sintetika tal-klassi tal-avermektin. Selamektin tipparalizza u/jew toqtol firxa wiesgħa ta' parassiti invertebrati billi tfixkel il-kunduttività tal-kanali tal-kloru u b'hekk tikkawża tħarbit fin-newrotransmissjoni normali. Dan ma jħallix li ssir attività elettrika fiċ-ċelluli tas-sistema nervuża tan-nematodi u taċ-ċelluli tal-muskoli fl-artropodi u b'hekk iwassal għal paraliżi u/jew il-mewt tagħhom.

Selamektin joqtol il-forma adulta, il-bajd u l-larvi tal-briegħed. B'hekk, b'mod effettiv tkisser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud billi toqtol l-adulti (fuq l-annimal), ma tħallix il-bajd ifaqqas (fuq l-annimal u fl-ambjent) u toqtol il-larvi (fl-ambjent biss). Frak minn annimali ttrattati bis-selamektin joqtol il-bajd tal-briegħed u l-larvi li ma kinu esposti qabel għas-selamektin u b'hekk jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Instab ukoll li jkun hemm effett kontra l-larvi tal-*heartworm*

5.2 Tagħrif farmakokinetiku >

Wara li tingħata b'mod topikali, selamektin tiġi assorbita mil-ġilda u tilħaq l-oġħla livelli fid-demm, bejn wieħed u ieħor ġurnata wara li tkun ingħatat lill-qtates u tlett ijiem wara li tkun ingħatat lill-klieb. Wara li tiġi assorbita mil-ġilda, selamektin tinfirex fis-sistema u tiġi eliminata mid-demm bil-mod, tant li konċentrazzjonijiet li jistgħu jitkejlu, jinstabu fid-demm tal-klieb u tal-qtates sa 30 ġurnata wara li tkun ingħatat doża topikali ta' 6 mg għal kull kg piż. Il-persistenza fit-tul tas-selamektin u l-eliminazzjoni mid-demm bil-mod huma riflessi f'valuri tat-terminal elimination half-life ta' tmint ijiem fil-qtates u ħdax-il jum fil-klieb. Il-persistenza sistemika tas-selamektin fid-demm u n-nuqqas ta' metaboliżmu estensiv iwasslu għal saħħa effettiva biżżejjed fil-perjodu ta' bejn doża u oħra (30 ġurnata).

6. TAGħrif FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Butylated hydroxytoluene (E321)

Dipropylene glycol methyl ether

Isopropyl alcohol

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejħ: 3 snin.

6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjjar li jmiss mal-prodott

Il-prodott mediċinali veterinarju huwa ppreżentat f'pipetta bajda tal-plastik iffurmata minn saff ta' polipropilene / ċikliku olefin kopolimer / polipropilene b'saff ta' polyethylene / ethylene vinyl alcohol / polyethylene.

Il-prodott huwa disponibbli f'pakketti ta' tliet pipetti (il-qawwiet kollha), sitt pipetti (il-qawwiet kollha ħliel 15 mg), jew ħmistax-il pipetta (saħħha ta' 15 mg biss) fi qratas individwali tal-fojl ġewwa kartuna ta' barra.

Mhux id-daqqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitħol r-regolamenti tal-pajjiż.

Chanhold m'għandux jidħol f'mghodijiet ta' ilma ġieri billi jista' jkun ta' periklu għall-ħut u ħlejjaq oħta tal-ilma. Il-kontenituri u materjal żejjed għandhom jintefgħu mal-iskart domestiku biex ma ssirx kontaminazzjoni minn fejn jista' jgħaddi ilma ġieri.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/19/236/001-016

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 17/04/2019

10. DATA TA' REVİŞJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

ANNESS II

- A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**
- D. KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabblu mill-ħruġ tal-lott.

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

D. KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Ħtiġijiet ta' farmakoviġilanza:

Is-sottomissjonijiet ta' rapport perjodiku ta' aġġornament dwar is-sikurezza (PSUR) għandhom jiġu sinkronizzati u sottomessi fl-istess frekwenza bħal tal-prodott ta' referenza.

ANNESS III
TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KAXXA, 15 mg

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u għall-klieb ≤ 2.5 kg selamektin

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Selamektin 15 mg

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għal użu topikali

4. DAQS TAL-PAKKETT

3 pipetti
15-il pipetta.

0.25 ml

5. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Qtates u klieb li jiżnu 2.5 kg jew anqas.


6. INDIKAZZJONI(JIET)


7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu topikali.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Stampi għal inklużjoni fakultattiva għandhom jippermettu l-ispazju





8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJIET SPEÇJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi

11. KUNDIZZJONIJIET SPEÇJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

12. PREKAWZJONIJIET SPEÇJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.

13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'rċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

EU/2/19/236/001

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

lott

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KAXXA, 30 mg, 60 mg, 120 mg, 240 mg, 360 mg għall-klieb

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6–5.0 kg

Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1–10.0 kg

Chanhold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1–20.0 kg

Chanhold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1–40.0 kg

Chanhold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1–60.0 kg

selamektin

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Selamektin 30 mg

Selamektin 60 mg

Selamektin 120 mg

Selamektin 240 mg

Selamektin 360 mg

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għal użu topikali

4. DAQS TAL-PAKKETT

3 pipetti

6-il pipetta.

0,25 ml

0,5 ml

1,0 ml

2,0 ml

3,0 ml

5. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb li jiżnu bejn 2.6 kg u 5.0 kg.

Klieb li jiżnu bejn 5.1 kg u 10.0 kg.

Klieb li jiżnu bejn 10.1 kg u 20.0 kg.

Klieb li jiżnu bejn 20.1 kg u 40.0 kg.

Klieb li jiżnu bejn 40.1 kg u 60.0 kg.


6. INDIKAZZJONI(JIET)

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu topikali.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Stampi għal inklużjoni fakultattiva għandhom jippermettu l-ispazju



8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJIET SPEċJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi

11. KUNDIZZJONIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

12. PREKAWZJONIET SPEċJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.

13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIET JEW RESTRIZZJONIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b’riċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidħirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/19/236/007
EU/2/19/236/008
EU/2/19/236/009
EU/2/19/236/010
EU/2/19/236/011
EU/2/19/236/012
EU/2/19/236/013
EU/2/19/236/014
EU/2/19/236/015
EU/2/19/236/016

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

lott

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KAXXA, 45 mg. 60 mg għall-qtates

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6–7.5 kg

Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6–10.0 kg
selamektin

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Selamektin 45 mg

Selamektin 60 mg

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għal użu topikali

4. DAQS TAL-PAKKETT

3 pipetti

6-il pipetta.

0,75 ml

1,0 ml

5. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Qtates li jiżnu bejn 2.6 kg u 7.5 kg.

Qtates li jiżnu bejn 7.6 kg u 10.0 kg.


6. INDIKAZZJONI(JIET)

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu topikali.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Stampi għal inklużjoni fakultattiva għandhom jippermettu l-ispażju



8. ŻMIEN TA' TIŻMIM**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi

11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.

13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'rċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

EU/2/19/236/003
EU/2/19/236/004
EU/2/19/236/005
EU/2/19/236/006

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

lott

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

TIKKETTA TAL-FOJL / FOIL TA 'SACHET

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u għall-klieb ≤ 2.5 kg
Chanhold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6–5.0 kg
Chanhold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6–7.5 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6–10.0 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1–10.0 kg
Chanhold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1–20.0 kg
Chanhold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1–40.0 kg
Chanhold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1–60.0 kg

selamektin

2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

15 mg selamektin
30 mg selamektin
45 mg selamektin
60 mg selamektin
120 mg selamektin
240 mg selamektin
360 mg selamektin

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu topikali

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

6. NUMRU TAL-LOTT

Lott

7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi

8. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”

Għall-kura tal-annimali biss.

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

Pipetta

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 15 mg  

Chanhold 30 mg  

Chanhold 45 mg 

Chanhold 60 mg 

Chanhold 60 mg  

Chanhold 120 mg  

Chanhold 240 mg  

Chanhold 360 mg  

selamektin

2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

15 mg selamektin

30 mg selamektin

45 mg selamektin

60 mg selamektin

120 mg selamektin

240 mg selamektin

360 mg selamektin

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu topikali

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

6. NUMRU TAL-LOTT

Lott

7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi

8. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”

Għall-kura tal-annimali biss.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:
Chanhold soluzzjoni għal użu topikali

1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:
Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.,
Loughrea, Co. Galway, L-Irlanda

2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Chanhold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u għall-klieb ≤ 2.5 kg
Chanhold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6–5.0 kg
Chanhold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6–7.5 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6–10.0 kg
Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1–10.0 kg
Chanhold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1–20.0 kg
Chanhold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1–40.0 kg
Chanhold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1–60.0 kg

Selamektin

3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Kull doża waħda (pipetta) tagħti:

| | | |
|---------------------------------------|--------------------|-------------------|
| Chanhold 15 mg għall-klieb u l-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 15 mg |
| Chanhold 30 mg għall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 30 mg |
| Chanhold 45 mg għall-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 45 mg |
| Chanhold 60 mg għall-qtates | soluzzjoni 6% w/v | Selamektin 60 mg |
| Chanhold 60 mg għall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 60 mg |
| Chanhold 120 mg għall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 120 mg |
| Chanhold 240 mg għall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 240 mg |
| Chanhold 360 mg għall-klieb | soluzzjoni 12% w/v | Selamektin 360 mg |

Ingredjenti Oħra:

Butylated hydroxytoluene (E321) 0.08%

Soluzzjoni ċara bla kultur sa safranija.

4. INDIKAZZJONI(JIET)

Qtates u klieb:

- Kura u prevenzjoni minn infestazzjonijiet tal-briegħed** ikkawżat mill-ispeċi *Ctenocephalides* sa xahar wara li tingħata doża waħda. Dan jiġi billi l-prodott joqtol kemm il-bergħud kif ukoll il-larva u l-bajd tiegħu. Il-prodott joqtol il-bajd sa tliet ġimħat wara li jingħata. Bi tnaqqis fil-popolazzjoni tal-briegħed, trattament kull xahar ta' annimali tqal u li qed irreddgħu jgħin ukoll biex iħares il-btan sa seba' ġimħat minn infestazzjonijiet tal-briegħed. Il-prodott jista' jintuża bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed u billi

joqtol il-bajd u l-larva jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-animal.

- Prevenzjoni mill-marda tal-*heartworm* ikkawżata mid-*Dirofilaria immitis* b'amministrazzjoni kull xahar. Il-prodott jista' jintuża bla periklu fuq annimali infettati bil-forma adulta tal-*heartworm*, imma prattika tajba veterinarja titlob li l-animali kollha ta' 'l fuq minn sitt xhur u li jgħixu f'pajjiżi fejn jeżistu parassiti li jġorru l-marda, għandhom jiġu ttestjati għal infel-żonj bil-forma adulta tal-*heartworm* qabel ma' tinbeda l-kura bil-prodott. Dan il-prodott ma jaħdimx kontra l-forma adulta tad-*D. immitis*.
- Kura għad-dud tal-widnejn (*Otodectes cynotis*).

Qtates:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jidgħem (*Felicola subrostratus*)
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex it-tondi (*Toxocara cati*)
- Kura għall-forma adulta tal-*hookworm* fl-imsaren (*Ancylostoma tubaeforme*).

Klieb:

- Kura għal infestazzjonijiet ta' qamel li jidgħem (*Trichodectes canis*).
- Kura għal *sarcoptic mange* (ikkawżata minn *Sarcoptes scabiei*).
- Kura għall-forma adulta tal-ħniex tondi (*Toxocara canis*) fl-imsaren.

5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Tużax fuq annimali ta' taħt is-sitt ġimġħat. Tużax fuq qtates li qed ibatu minn xi mard ieħor fl-istess żmien jew li jkunu debboli u ta' piż baxx (għad-daqs u l-età tagħhom).

Tużax f'każijiet ta' sensittivitā għall-ingredjent/i attiv/i; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

L-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fuq il-qtates ġieli kkaġuna, f'każi rari, telf żgħir u li jgħaddi ta' pil fuq il-parti fejn ikun ġie applikat. F'każi rari ħafna jista' jkun hemm irritazzjoni li tgħaddi fuq il-parti fejn ikun ġie applikat. In-nuqqas ta' pil u irritazzjoni normalment jgħaddu waħedhom, imma f'xi każi tista' tingħata xi kura biex ittaffī s-sintomi.

Jekk l-animal jilgħaq fit-tul, f'każi rari jista' jkun hemm produzzjoni għolja ta' bżieq fil-qtates, għal perjodu qasir.

F'każi rari l-applikazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju fil-qtates u l-klieb tista' twassal biex il-pil fil-post fejn ġie applikat jitgħaqqaqad temporanjament u/jew f'xi każi titfaċċa kwantità żgħira ta' trab abjad. Din hija ħaġa normali u titlaq fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi applikat u ma taffettwax in-nuqqas ta' periklu jew l-effett tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kif jiġri ma' macrocyclic lactones oħra, f'każijiet rari ħafna, wara li jintuża l-prodott mediċinali veterinarju kemm fil-klieb kif ukoll fil-qtates, ġew osservati sinjali newroloġiċi, inklużi aċċessjonijiet, li huma riversibbli.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 animali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f'100 animal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f'1,000 animal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f'10,000 animal)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f'10,000 animal, inklużi rapporti iżolati).>

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediciċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

Informazzjoni oħra

Chanhold ġie ttestjat f'aktar minn mitt razza pura u mħallta ta' klieb li jinkludu l-collie, u f'ravez imħallta u sittax-il razza pura ta' qtates mingħajr effetti oħra mhux mixtieqa.

7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Qtates u klieb li jiżnu 2.5 kg jew anqas (Chanhold 15 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates u għall-klieb ≤ 2.5 kg)

Klieb li jiżnu 2.6 kg-5.0 kg (Chanhold 30 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 2.6–5.0 kg)

Qtates li jiżnu 2.6 kg-7.5 kg (Chanhold 45 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 2.6–7.5 kg)

Qtates li jiżnu 7.6 kg-10.0 kg (Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-qtates 7.6–10.0 kg)

Klieb li jiżnu 5.1 kg-10.0 kg (Chanhold 60 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 5.1–10.0 kg)

Klieb li jiżnu 10.1 kg-20.0 kg (Chanhold 120 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 10.1–20.0 kg)

Klieb li jiżnu 20.1 kg-40.0kg (Chanhold 240 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 20.1–40.0 kg)

Klieb li jiżnu 40.1 kg-60.0kg (Chanhold 360 mg soluzzjoni għal użu topikali għall-klieb 40.1–60.0 kg)

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu topikali.

Il-prodott għandu jingħata f'applikazzjoni ta' doża waħda li tagħti mill-anqas 6 mg/kg selamektin. Meta jkunu qed jiġu kkurati bil-prodott mediciċinali veterinarju aktar minn infestazzjoni jew infezzjoni waħda fl-istess animal, applikazzjoni waħda biss ta' 6 mg/kg hija rakkomandata f'ħin wieħed. It-tul xieraq tal-perjodu ta' kura għal kull parassita jidher hawn taħt.

Agħti skont kif indikat fit-tabella li tmiss:

| Qtates (kg) | Il-prodott | mg ta' selamektin mogħtija | Qawwa (mg/ml) | daqs nominali tal-pipetta, ml |
|-------------|--|----------------------------|---------------|-------------------------------|
| $\leq 2,5$ | 1 pipetta ta' Chanhold 15 mg għal qtates u klieb ≤ 2.5 kg | 15 | 60 | 0,25 |
| 2,6 - 7,5 | 1 pipetta ta' Chanhold 45 mg għal qtates 2.6-7.5 kg | 45 | 60 | 0,75 |
| 7,6 - 10,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 60 mg għal qtates 7.6-10.0 kg | 60 | 60 | 1,0 |
| > 10 | | Taħlita xierqa ta' pipetti | 60 | Taħlita xierqa ta' pipetti |

| Klieb (kg) | Il-prodott | mg ta' selamektin mogħtija | Qawwa (mg/ml) | daqs nominali tal-pipetta, ml |
|-------------|---|----------------------------|---------------|-------------------------------|
| ≤ 2,5 | 1 pipetta ta' Chanhold 15 mg għal qtates u klieb ≤ 2,5 kg | 15 | 60 | 0,25 |
| 2,6 - 5,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 30 mg għal klieb 2,6-5,0 kg | 30 | 120 | 0,25 |
| 5,1 - 10,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 60 mg għal klieb 5,1-10,0 kg | 60 | 120 | 0,5 |
| 10,1 - 20,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 120 mg għal klieb 10,1-20,0 kg | 120 | 120 | 1,0 |
| 20,1 - 40,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 240 mg għal klieb 20,1-40,0 kg | 240 | 120 | 2,0 |
| 40,1 - 60,0 | 1 pipetta ta' Chanhold 360 mg għal klieb 4,1-60,0 kg | 360 | 120 | 3,0 |
| > 60 | | Taħlita xierqa ta' pipetti | 60/120 | Taħlita xierqa ta' pipetti |

Kura u prevenzjoni mill-briegħed (qtates u klieb)

Annimali ta' i fuq minn sitt ġimħat:

Wara li jiġi applikat il-prodott mediċinali veterinarju, il-briegħed adulti fuq l-annimal jinqatlu u ma jkunx hemm aktar bajd vijabbbli u l-larva (li jinsabu biss fl-ambjent) jinqatlu wkoll. B'hekk il-bergħud ma jirriproduċix, jinkiser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud u dan jista' jgħin biex jikkontrolla infestazzjonijiet tal-briegħed fl-ambjent f'dawk l-inħawi fejn jersaq l-annimal.

Għal prevenzjoni minn infestazzjonijiet tal-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata lill-annimal kull xahar waqt l-istaġun tal-briegħed u xahar qabel ma l-briegħed isiru attivi. Dan jiżgura li l-briegħed fuq l-annimal jinqatlu, dawn ma jiproduċux bajd vijabbbli u l-larvi (li jinsabu biss fl-ambjent) jinqatlu wkoll. B'hekk jinkiser iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bergħud u ma jħallix infestazzjonijiet mill-briegħed.

Għal użu bħala parti minn programm ta' kura tad-dermatite kkawżata minn allerġija għall-briegħed, il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata kull xahar.

Kura ta' annimali tqal u li qed ireddgħu biex jitħarsu il-ġriewi u l-friegħ minn infestazzjonijiet tal-briegħed:

Billi l-popolazzjoni ta' briegħed titnaqqas, il-kura ta' kull xahar f'annimali tqal jew li qed ireddgħu, tgħin biex tħares il-boton minn infestazzjonijiet tal-briegħed sa l-età ta' seba' ġimħat.

Prevenzjoni mill-mard tal-heartworm (qtates u klieb)

Il-prodott mediċinali veterinarju jista' jingħata s-sena kollha jew tal-anqas fi żmien xahar minn meta l-annimal ġie espost għan-nemus għall-ewwel darba, u kull xahar sakemm jagħlaq l-istaġun tan-nemus. L-aħħar doża għandha tingħata sa xahar wara li l-annimal l-aħħar ġie espost għan-nemus. Jekk tinqabeż xi doża jew l-intervall bejn doża u oħra ikun ta' aktar minn xahar, għandha tingħata doża immedjata u terġa' tibda tingħata mill-ġdid, doża fix-xahar u b'hekk titnaqqas l-opportunità biex jiżviluppaw heartworms adulti. Meta jkun qed jiġi mibdul prodott għall-prevenzjoni tal-heartworm fi programm ta' prevenzjoni mill-mard tal-heartworm, l-ewwel doża tal-prodott mediċinali veterinarju għanda tingħata fi żmien xahar mill-aħħar doża tal-mediċina ta' qabel.

Kura għal infezzjonijiet tal-ħniex tondi tal-imsaren (qtates u klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għall-qamel li jiggħem (qtates u klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għad-dud tal-widnejn (qtates)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għad-dud tal-widnejn (klieb)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju. Frak mhux imwaħħal għandu jitneħħa bil-mod mill-kanal ta' barra tal-widna waqt kull trattament. Viżta veterinarja oħra xahar wara t-trattament hija rakkomandata billi xi annimali ikollhom bżonn it-tieni trattament.

Kura għal infezzjonijiet tal-hookworm (qtates)

Għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju.

Kura għal sarcoptic mange (klieb)

Bixx jitneħħa d-dud kollu, għandha tingħata doża waħda tal-prodott mediċinali veterinarju għal xahrejn fuq xulxin.

9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Neħħi l-pipetta tal-prodott mill-pakkett protettiv tagħha.

Żomm il-pipetta wieqfa.



Tektek il-parti dejqa tal-pipetta biex tiżgura li l-kontenuti jibqgħu fil-parti prinċipali tal-pipetta. Ikser il-ponta lura.

Aqsam il-kija tal-annimal fuq wara tal-annimal fil-qiegħ tal-għonq quddiem ix-xafar tal-ispalla sakemm il-ġilda tkun viżżejjibbi.

Poġġi t-tarf tal-pipetta fuq il-ġilda u għafas il-pipetta diversi drabi biex tbattal il-kontenut tagħha kompletament u direttament fuq il-ġilda f'post wieħed. Applika fuq il-ġilda fil-bażi tal-għonq quddiem l-għadam tal-ispalel.

Evita li tmiss il-prodott b'subgħajk.

Tapplikax meta l-pil tal-annimal ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xampu jew tgħoddos l-annimal sagħtejn jew aktar wara l-kura, l-effikaċċa tal-prodott mediċinali veterinarju ma tkunx imnaqqsa.



10. PERJODU TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Dan il-prodott mediciinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen. Tużax dan il-prodott mediciinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta.

12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Twissijiet speċjali għal kull speċi għal xiex huwa indikat:>

Għat-trattament tal-animali biss.

L-animali jistgħu jinħaslu sagħtejn wara t-trattament mingħajr telf fl-effikaċja.

Tapplikax meta l-pil tal-animal ikun imxarrab. Iżda jekk taħsel b'xampu jew tgħoddos l-animal sagħtejn jew aktar wara l-kura, l-effikaċja tal-prodott mediciinali veterinarju ma tkunx imnaqqsa.

Għall-kura tad-dud tal-widnejn, tapplikax direttament fil-kanal tal-widnejn.

Huwa importanti li tingħata d-doża kif indikat biex jitnaqqas l-ammont li l-animal jista' jilgħaq.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali:

Dan il-prodott għandu jiġi applikat biss fuq il-wiċċi tal-ġilda. Tagħtix mill-ħalq jew permezz ta' injejjzjoni.

Żomm animali kkurati 'l bogħod minn nirien u affarrijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar għal mill-anqas tletin minuta jew sakemm il-pil ikun niexef.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediciinali veterinarju lill-animali:

Dan il-prodott mediciinali veterinarju ieħu n-nar malajr: żomm il-bogħod mis-sħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarrijiet oħra li jistgħu iqabbdu n-nar.

Il-prodott huwa irritanti għall-ġilda u l-għajnejn. Tpejjipx, tikoż u tixrobx waqt li qed tmiss il-prodott.

Aħsel idejk wara li tuża u aħsel fil-pront bis-sapun u bl-ilma jekk xi fit mill-prodott imiss mal-ġilda.

F'każ aċċidentalni li fih jintlaqtu l-għajnejn, laħlaħ fil-pront b'ilma nadif u fittekk kura medika fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Evita kuntatt dirett ma' animali kkurati sakemm tinxfet ir-roqgħa fejn ġie applikat. Fil-jum tat-trattament it-tfal m'għandhomx imissu l-animali ttrattati u l-animali m'għandhomx jitħallew jorqu mas-sidien tagħhom speċjalment it-tfal. Pipetti użati għandhom jintremew fil-pront u ma jitħallewx fejn jistgħu jidhru jew jintlaħqu mit-tfal.

Persuni b'ġilda sensittiva jew b'allerġija magħrufa għall-prodotti mediciinali veterinarji ta' dan it-tip għandhom joqgħodu attenti metta jmissu il-prodott mediciinali veterinarju.

Tqala:

Jista' jintuża fi qtates u klieb tqal.

Treddiġħ:

Jista' jintuża fi qtates u klieb li jreddgħu.

Fertility:

Jista' jintuża fit-tħammir ta' qtates u klieb.

Interazzjoni ma' prodotti mediciinal oħra ja u forom oħra ja' interazzjoni:

Xejn magħruf

Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

Ma ġewx osservati effetti mhux mixtieqa wara l-ghotu ta' 10 darbiet id-doża rakkodata. Il-prodott mediċinali veterinarju ingħata f'doża 3 darbiet aktar minn dik rakkodata fi qtates u klieb li kellhom *heartworms* adulti u ma dehrux effetti mhux mixtieqa. Il-prodott mediċinali veterinarju ingħata wkoll f'doża 3 darbiet aktar minn dik rakkodata fi qtates u klieb irġiel u nisa waqt it-snissi kif ukoll f'nisa tqal u waqt li qed ireddgħu il-btan tagħhom, u f'doża ħames darbiet aktar minn dik irrakkodata fi klieb tar-razza Collie sensittivi għall-ivermektin u ma dehrux effetti mhux mixtieqa.

Inkompatibilitajiet:

Mhux applikabbli.

Prekawzjonijiet oħra:

Tħallix annimali kkurati jidħlu f'ilma ġieri tal-anqas sa sagħtejn minn meta tingħata l-kura.

13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Selamektin jista' jkollha effett ħażin fuq il-ħut jew fuq ċerti ħlejjaq tal-ilma li jservu bħala ikel għall-ħut. Il-kontenituri u materjal żejjed għandhom jintefgħu mal-iskart domestiku biex ma ssirx kontaminazzjoni minn fejn jista' jgħaddi ilma ġieri.

14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt tal-Ägenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

15. TAGĦRIF IEĦOR

Il-prodott huwa disponibbli f'pakketi ta' tliet pipetti (il-qawwiet kollha), sitt pipetti (il-qawwiet kollha ħlief 15 mg), jew ħmistax-il pipetta (saħħa ta' 15 mg biss) fi qratas individwali tal-fojl ġewwa kartuna ta' barra.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġibok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq.

België/Belgique/Belgien

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tél/Tel: +353 91 841788

Luxembourg/Luxemburg

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tél/Tel: +353 91 841788

Република България

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tél/Tel: +353 91 841788

Magyarország

Magyarországi képviselet:
Orion Pharma Kft.
1139 Budapest,
Pap Károly u. 4-6.,

Česká republika

Místní zástupce držitele rozhodnutí o registraci:
Orion Pharma s.r.o.
orion@orionpharma.cz

Malta

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Danmark

Orion Pharma A/S,
Ørestads Boulevard 73,
2300 København S
Tlf: 86 14 00 00

Nederland

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Deutschland

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Norge

Markedsført i Norge av:
Orion Pharma AS Animal Health
Postboks 4366 Nydalen
N-0402 Oslo
Tlf: 40 00 41 90

Eesti

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Österreich

Richter Pharma AG,
4600 Wels,
Austria

Ελλάδα

Neocell E.P.E.
10ο χλμ. Εθνικής Οδού Αθηνών- Λαμίας
14451 Μεταμόρφωση, Αθήνα,
Tel: 210 2844333

Polska

Orion Pharma Poland Sp. z o.o.
ul. Fabryczna 5A,
00-446 Warszawa,
Poland
Tel: +48 22 833 31 77

España

Fatrol Ibérica S.L.
Constitución 1, P.B. 3
08960 Sant Just Desvern
(Barcelona) España

Portugal

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

France

LABORATOIRE PERRIGO FRANCE
20 Rue André Gide
92320 CHATILLON
FRANCE
+33 (0)1 55 48 18 00

Ireland

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Ísland

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Sími: + 353 91 841788

Italia

Azienda Terapeutica Italiana **A.T.I.** s.r.l.
Via Emilia, 285
Ozzano dell'Emilia (BO),
Italia

Κύπρος

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Τηλ: + 353 91 841788

Latvija

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Lietuva

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

România

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Slovenija

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788

Slovenská republika

Miestny zástupca držiteľa rozhodnutia o
registrácii:
Orion Pharma s.r.o.
orion@orionpharma.sk

Suomi/Finland

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Puh/Tel: + 353 91 841788

Sverige

Information lämnas av:
Orion Pharma AB, Animal Health, Danderyd

United Kingdom (Northern Ireland)

Chanelle Pharmaceuticals Manufacturing Ltd.
Loughrea
Co. Galway
IE - Ireland
Tel: + 353 91 841788